# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' MARZU 2001**

**Avviz Nru 874/96DM**

**Carmelo Demanuele u Onor Louis Cuschieri**

**vs**

**David Tabone**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn din il-Qorti tizgombra minn gol garage Nru 9, f'dahla privata fi Triq it-Tram, Hamrun li l-konvenut qed jokkupa minghajr titolu

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-20 ta' Marzu 1996 u tal-ittra ufficjali ta' Gunju 1996 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi ddikjarat illi l-kera annwu tal-garage ma jeccedix Lm250.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Tabone fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif sejjer jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza, u dana billi l-esponent ghandu titolu ta' commodatum moghti lilhu mill-istess atturi.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ma huwiex ikkontestat illi l-atturi huma s-sidien tal-garage in kwistjoni intitolati li jezigu l-pussess tal-fond; izda l-konvenut qed jeccepixxi li ghandhu titolu li jidderoga mid-drittijiet tas-sidien u ghalhekk jispetta lilhu li jipprova dan it-titolu.

Ghalkemm il-konvenut jallega li t-titolu bazi tad-detenzjoni tieghu tal-pussess tal-garage huwa wiehed ta kommodat, mill-provi minnhu prodotti, senjatament id-deposizzjoni tieghu, ma jirrizultax spjegat b'mod car u inekwivoku iz-zmien jew l-uzu determinat destinat, li huma fost ir-rekwiziti essenzjali tal-kommodat.

Mill-provi tal-konvenut jidher li l-bazi tat-titolu pretiz minnhu huwa l-konvenju tas-6 ta Frar 1990 (Dok DT1 a fol. 10 tal-process). Huwa jsosstni li, stante il-hlas tal-prezz intier fuq il-konvenju, ir-rilaxx tal-pussess mis-sid favur tieghu u l-ftehim tacitu, il-ftehim imsemmi fil-fatt kien intiz bhala bejgh li kien jintitolah li jiehu l-pussess u li l-atturi kienu intizi dwar dan.

Biex isahhah din l-allegazzjoni il-konvenut ipprova illi waqt it-terminu tal-istess konvenju huwa kien applika, u fil-fatt lesta, l-istallazzjoni ta sistema ta elettriku u ilma.

Izda dan it-tip ta ftehim ma jista qatt jikkostitwixxi l-kommodat eccepit billi z-zmien u l-uzu allegat huma ghalhekk indeterminati. Lanqas ma jistghax jigi accettat li mill-imsemmi konvenju ghandhom jirrizultaw l-konsegwenzi simili ghall-bejgh peress illi ma tirrizultax l-adezjoni tal-kompropjetarju Cuschieri.

Hija rilevanti hafna f'dan ir-rigward il-kundizzjoni specifika pattwita fl-istess konvenju illi l-validita' tieghu limitata ghal zmien tlett snin li skadew fil-5 ta Frar 1993. Din teskludi xi intenzjoni li l-ftehim kellhu jimporta l-effetti tal-bejgh u anzi tistabilixxi li kwalunkwe koncessjoni ta pussess a bazi biss tal-istess konvenju kienet spiccat mal-konvenju fi Frar 1993.

Ghaldaqstant il-konvenut ma wasalx ghal prova tat-titolu eccepit u konsegwentement tilqa t-talba attrici u tikkundanna lil-konvenut sabiex jizgombra minn gol garage Nru 9, f'dahla privata fi Triq it-Tram, Hamrun li huwa qed jokkupa minghajr titolu, salv kull dritt tieghu 'si et quatenus' ghar-rifusjoni ta xi hlas maghmul in kontemplazzjoni ta xi bejgh.

Ghall-fini tal-izgumbrament mill-konvenut il-Qorti qed tiffissa t-terminu sat-30 ta April 2001.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

……………………

Mag Dr D Montebello BA LLD

S. Farrugia

Dep Reg

Civil 19